MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2002

Numru 504/2002

Il-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)

vs

Antonio Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Antonio Mallia bin Giuzeppe u Antonia nee' Azzopardi residenti Flat 9, Block A, Ghajn Kajjiet, Rabat, RBT 14, bil-karta ta' l-identita' numru 1083145(M), akkuzat talli:

1. f'dawn il-gzejjer, u cioe` fi Triq Burmarrad, Burmarrad, nhar it-22 ta' Gunju, 2002, ghall-habta tad-21.45 ingurja u hedded u ghamel offiza fuq il-persuna tas-Surgent 1083 John Sciberras u P.C. 1423 Nazzareno Dimech, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-

ligi, fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz, (Art. 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta),

2. fl-istess post, data, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza u b’hebb ta’ xorta u ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-persuna tas-Surgent 1083 John Sciberras u P.C. 1423 Nazzareno Dimech, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, (Art.96(a) ta’ Kap.9),

3. fl-istess post, data, hin u cirkostanzi ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tas-Surgent 1083 John Sciberras, liema offiza fuq din il-persuna titqies li hija hafifa u dan kif iccertifika t-Tabib Nicholas Caruana M.D. mic-centru tas-sahha tal-Mosta,(Art. 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta),

4. fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe nuccali, u dan ghad-dannu ta’ P.S. 1083 John Sciberras, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500), imma hija izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50), (Art. 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta),

5. fl-istess post, data, hin u cirkostanzi zamm fuqu ‘Bullward’ bhala arma, u dan kif inhu stipulat fl-Artikolu 64(2).

6. fl-istess post, data, hin u cirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bl-ghajjat jew mod iehor, (Art. 383, 384, 385, 386 u 387 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti hi mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita skond il-ligi ghar-reati fuq imsemmija, tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna tas-Surgent 1083 John Sciberras u ta’ P.C. 1483 N. Dimech jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati, torbot lil Antonio Mallia, b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f’din l-ewwel udjenza;
Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena;

Ikkonsidrat;

L-imputat jinsab akkuzat taht l-Artikolu 95, 96, 221, 325, 64 u 338 tal-Kap.9;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu u wara li kkonsidrat il-fedina penali tieghu u l-Artikoli tal-Ligi fuq imsemmija flimkien ma’ l-Artikolu 17 ta’ l-istess Kap. qeghda tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-imputat multa ta’ Lm100, li fuq talba ta’ l-imputat, u wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kap.9 qeghda tawtorizza l-hlas taghha mill-imputat b’pagamenti mensili konsekuttivi u sussegwenti kull l-ahhar tax-xahar ta’ mhux inqas minn Lm20 – l-ewwel pagament fl-ahhar ta’ Gunju ta’ din is-sena. Bid-dekadenza fin-nuqqas u konvertibbli f’wiehed u ghoxrin gurnata prigunerija.

-------------------------------TMIEM-------------------------------